**28 ta' Jannar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Dottor Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Fedele Dalli

*versus*

Alfred Caruana

**Bejgħ ta' Vettura – Forma Skritta – "Karrozza bil-Mutur"**

*Hu stabbilit illi l-liġi tirrikjedi l-forma skritta, mhux biss "ad probationem" imma "ad substantiam et validitatem". Il-*

*konvenzjoni ta' bejgħ ta' vettura bla skrittura ma tistax tiswa biex issostni azzjoni jew eċċezzjoni. L-inosservanza ta' din il-forma preskritta bil-liġi ġġib il-konsegwenza tan-nullità jew l-ineżistenza tal-kuntratt "ipso jure".*

*Biex trasferiment ikun meħtieġ li jsir bil-miktub il-vettura trid attwalment tkun f'posizzjoni li tkun immexxija b'forza mekkanika. Fil-każ in diżamina tali formalità ma kinitx meħtieġa inkwantu jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-konvenut attwalment xtara "body" ta' karozza li ma tistax tiġi kkwalifikata bħala "motor car" fis-sens tal-liġi, in kwantu ma kellhiex il-forza mekkanika awtonoma li tirrikjedi l-liġi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-13 ta' Ġunju, 1991, li bih l-attur wara li ppremetta illi huwa proprjetarju ta' karozza ta' tip *Austin Martin* li ġġib in-numru antik 5392 u li hu biegħ din il-karrozza li ċertu Ninu minn Ħal-Qormi li kellu jħallasha bin-nifs u li ma saritx skrittura kif trid il-liġi għat-trasferiment ta' din il-karrozza u wisq anqas applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tagħha;

U wara li ppremetta illi għalhekk il-proprjetà ta' l-istess karrozza għadha tiegħu u li llum l-istess karrozza mingħajr il-kunsens u kontra l-volontà ta' l-attur ġiet, għal xi raġuni fil-pussess tal-konvenut li meta mitlub biex jirrilaxxaha, irrifjuta;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din il-Qorti ma għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-karrozza *Aston Martin* numru 5392 hija ta' proprjetà assoluta ta' l-attur;

2. Tiddikjara illi l-konvenut qiegħed jiddetjeni illegalment u in *"mala fede"* fil-pussess tiegħu l-karrozza fuq imsemmija;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut biex fi żmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti jirritorna l-istess karrozza lill-attur;

4. Illi fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallas il-valur tagħha bl-imgħax legali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-intempestività u l-irritwalità ta' l-azzjoni attriċi, peress li t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa jekk mhux bħala konsegwenza ta' dikjarazzjoni ta' nullità tan-negozju li sar bejn l-attur u l-ewwel akkwirent minnu tal-vettura, liema dikjarazzjoni ma ġietx mitluba f'din il-kawża u lanqas ma tista' tintalab la darba dik il-persuna m'hix fil-kawża;

2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess, l-irritwalità tad-domandi attriċi peress li jekk hu veru li l-ewwel trasferiment sar mingħajr skrittura, allura l-attur kien komparteċipi fl-illegalità u ma jistax illum jibbaża azzjoni fuq l-illegalità tiegħu stess, u dan a bażi tal-prinċipji *"nemo ex proprio dolo consequitur actionem"* u *"ex propria culpa non oritur actio"*;

3. Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess, l-attur ma għandux dritt li jieħu lura l-vettura u dan peress li, jekk l-ewwel trasferiment sar mingħajr kitba, il-kawża tan-negozju huwa illeċitu għaż-żewġ partijiet (ara artikolu 991(2) tal-Kodiċi

Ċivili);

4. Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għall-premess, l-esponenti xtara l-vettura *in buona fede* mingħand Vincent Zammit permezz ta' skrittura li ġġib id-data tat-28 ta' April, 1982, u għalhekk, trattandosi ta' mobbli, huwa għandu jitqies il-proprjetarju tal-vettura in kwistjoni, independentement mir-relazzjoni ġuridika ta' bejn l-attur u l-akkwirent mingħandu tagħha;

5. Illi fil-ħames lok u bla preġudizzju għall-premess, l-istat tal-vettur kien tali li ma setgħetx tissejjaħ *"motor car"* fis-sens tal-liġi, u, għalhekk, ma kienx hemm bżonn skrittura għat-trasferiment tagħha, u għalhekk, kull trasferiment li seta' sar tal-vettura meta kienet f'dan l-istat huwa validu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

L-attur kien u jippretendi li għadu proprjetarju ta' karrozza *Austin Martin* bin-numru antik 5392, illum fil-pussess tal-konvenut. Hu qed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi din il-karrozza hija ta' proprjetà assoluta tiegħu u li l-konvenuta qed jiddeteniha illegalment u *in mala fede*. Qed jitlob konsegwentement li l-konvenut jiġi kkundannat jirritorna l-vettura lilu, jew fin-nuqqas il-valur tagħha;

Jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur u mix-xiehda tiegħu illi hu qed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq il-premess illi:

1. Hu "**kien biegħ** din il-karrozza lil ċertu Ninu minn

Ħal-Qormi'' **mhux parti fil-kawża,** li ngħata l-pussess tagħha;

2. Li bejnu u dan Ninu **ma sarux il-proċedimenti neċessarji** għat-**trasferiment** ta' l-istess karrozza u għalhekk dina **għadha ta' proprjetà** *tiegħu*;

3. Li hu sar jaf li l-karrozza għal xi raġuni għaddiet fil-pussess tal-konvenut;

Jingħad qabel xejn biex il-kawża titqiegħed fuq il-binarji ġuridiċi korretti, illi huwa *ormai* **paċifiku** *fil-ġurisprudenza illi* l-forma ta' l-iskrittura f'każijiet ta' **komprovendità** ta' vetturi, hi waħda *di rigore* (*vide* ''Henry Falzon *proprio et nomine vs* Carmelo Tanti'' (Appell Ċivili, 7 ta' Diċembru, 1956) Vol. XL. P.I, pġ. 583; ''Caruana *vs* Bonnett'' (Prim'Awla per Imħallef M. Caruana Curran, 12 ta' Diċembru, 1962) ). Hu stabbilit illi l-liġi tirrikjedi l-forma skritta, mhux biss *''ad probationem''* imma *''ad substantiam et validitatem''*. A differenza tan-nuqqas tal-boll fuq skrittura li jista' jiġi rrimedjat, il-konvenzjoni ta' bejgħ ta' vettura bla skrittura ma tistax tiswa biex issostni azzjoni jew eċċezzjoni. L-inosservanza ta' din il-forma preskritta bil-liġi ġġib il-konsegwenza *tan-nullità* jew l-ineżistenza tal-kuntratt *''ipso jure''*;

Inoltre ġie wkoll ritenut illi: ''Għalkemm il-pussess u *buona fede* ta' oġġetti mobbli jekwivali għal titolu, però din ir-regola ma tapplikax fil-każ ta' trasferiment ta' vettura bil-mutur mingħajr skrittura. In-nuqqas ta' skrittura ordnata *bil-liġi* tiddistruġġi l-presunzjoni tal-*buona fede* fl-akkwirent, għaliex hi massima fundamentali li kull persuna hi preżunta li taf il-liġi'' (Maġġur Hanibal Scicluna *nomine vs* Avv. Dr. Edgar Grima *et nomine* – Vol. XLIX, P. II, pġ. 763);

L-istess sentenza tenunċja wkoll is-segwenti prinċipji rilevanti għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

"Il-Qorti trid, tipprexindi mill-prova taċ-ċirkostanzi jew indizji oħra ta' l-eżistenza o meno tal-*buona fede* u l-prova magħmula mill-attur ... li ma saritx skrittura, hija *per se* sufficjenti biex il-Qorti ssibhom (il-konvenuti) *in mala fede* fl-akkwist u l-pussess tagħhom. Anzi kif tajjeb issottometta d-difensur ta' l-attur, lanqas ma huwa proprjament il-każ li l-konvenuti jakkampaw akkwist *in buona fede,* meta l-akkwist tagħhom huwa effettivament ineżistenti. **Biex ikunu jistgħu jissollevaw id-difiża tal-*buona fede* tagħhom, huma għandhom qabel xejn jipprovaw li għamlu akkwist u dana ma għamluhx**";

Hu ċar illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji gwida, l-attur kien *jittanta l-azzjoni tiegħu* b'*suċċess* kieku *pprova* **l-fatti** li huma l-bażi tal-premessi tat-talbiet tiegħu. Fost dawn il-fatti bażilari hemm tnejn li ċertament l-attur irid neċessarjament jipprova – a. li l-vettura ma ġietx ittrasferita bi skrittura; u b. li l-oġġett mobbli ttrasferit hu effettivament vettura, fis-sens ta' "*motor car*" kif trid il-liġi;

A. Hu l-attur li jrid jipprova li ma saritx skrittura meta hu ttrasferixxa l-*Austin Martin* lil Anthony Saliba, li hu xhud f'din il-kawża, imma mhux parti. Jirriżulta illi n-negozju li kien sar bejniethom kien wieħed ta' tpartit ta' karrozzi, b'dan li Saliba "kellu jżidu xi ħaġa tal-flus". L-attur hekk jixhed in kontroeżami: "Jien ngħid li mal-bennej (Saliba), **jidhirli li konna għamilna karta,** ma nafx x'ġara minnha, ma kontx naf li ġejjin f'dawn l-affarijiet. **Din il-karta ma għadhiex teżisti** u għandi m'hux qiegħda. **Jiena jidhirli li konna għamilna din il-karta**

**bejnietna''**. B'dawn id-dikjarazzjonijiet kategoriċi l-attur, waħdu, jinnewtralizza l-premessa illi ma saritx skrittura meta kkonsenja l-*Austin Martin* lil Saliba. Hu veru illi l-istess Saliba jixhed li ma saritx skrittura ma' l-attur fuq il-karrozza: ''Ma għamilna l-ebda skrittura bejnietna ... Jiena ma kontx naf li ridt nagħmel skrittura biex il-karrozza ssir tiegħi''. Il-konflitt bejn iż-żewġ kontraenti fin-negozju hu ċar daqs kemm hu ovvju illi min jallega fuq fid-dover li jrid jipprova. Jiġi nnotat illi proċeduri tat-*transfer* tal-vettura li Saliba għadda lill-attur sar, u fir-rigward ta' din il-karrozza, xi skrittura naturalment neċessarjament saret;

Jibqa' allura dejjem id-dubju li, *una volta si trattava*, ta' ftehim u negozju ta' tpartit li fih kien hemm involut **żewġ vetturi**, hu probabbli li xi forma ta' skrittura saret u li din kienet tkopri n-negozju kollu. L-attur, fil-premessi tiegħu fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, qagħad ferm attent li jispeċifika li ''ma saritx **skrittura** kif trid il-liġi għat-trasferiment ta' din il-karrozza, u wisq anqas applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tagħha''. Waqt li hu paċifiku li l-proċedura tat-trasferiment tal-liċenzja tal-karrozza ma sarx, hemm dubju serju jekk saritx **l-iskrittura** dwar it-trasferiment **tal-proprjetà** tagħha lil Saliba, u hi din l-iskrittura li l-liġi tirrikjedi *''ad validitatem''* biex jiġi konkjuż in-negozju. Skrittura li tista' tieħu vari forom, **inkluż dik li tgħaddi l-proprjetà lill-kompratur**, anke jekk, kif jirriżulta f'dan il-każ, ma jkunx tħallas il-bilanċ kollu dovut. L-attur venditur seta' wkoll irriserva favur tiegħu l-proprjetà ta' l-oġġett mibjugħ sakemm jitħallas il-prezz kollu. **Din il-prova però kienet tinkombi fuq l-attur li jrid jissodisfa lill-qorti li fl-iskrittura li hu jaċċetta u jsostni li ffirma, kien hemm il-*pactum riservatum domini*, pendenti l-ħlas tal-prezz konvenut;**

Tali prova l-attur ma għamilhiex b'mod sodisfaċenti u kull dubju għandu jmur allura favur il-validità tan-negozju;

B. Il-konvenut qed jeċċepixxi inoltre illi l-istat tal-vettura kien tali li ma setgħetx tissejjaħ *"motor car"* fis-sens tal-liġi, u għalhekk ma kienx hemm bżonn skrittura għat-trasferiment tagħha. Dan ifisser skond il-konvenut, li kull *transfer* li seta' sar tal-vettura meta kienet f'dan l-istat kien validu, avolja l-ftehim sar verbalment. F'dan ir-rigward sewwa li jiġi rreġistrat xi provi rriżultaw;

*Omissis;*

L-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65, fl-artikolu 2, tiddefinixxi *"motor car"* bħala li tfisser "vettura mmexxija b'forza mekkanika". Din id-definizzjoni tirrikorri anke f'leġislazzjonijiet oħrajn li jirrigwardaw il-karrozzi bil-mutur. Infatti anke l-liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dokuemnti, Kapitolu 294, titkellem fuq "taxxa fuq trasferiment ta' karrozza **bil-mutur**" (artikolu 39) u tesiġi fl-artikolu 40(1) li "kull trasferiment li għalih japplikaw l-artikolu 38 u 39 ta' dan l-Att **taħt il-piena ta' nullità għandu jsir bil-miktub**". Dan ifisser illi biex trasferiment ikun meħtieġ li jsir bil-miktub il-vettura trid attwalment tkun f'posizzjoni li tkun **immexxija b'forza mekkanika.** Issa hu ċar li waqt li fil-każ tat-trasferiment bejn l-attur u l-ewwel "kompratur", Anthony Saliba, kien jeħtieġ l-iskrittura in kwantu l-karrozza indubjament kienet f'posizzjoni illi tiġi misjuqa, fil-każ tat-trasferiment bejn Vincent Zammit u l-konvenut, tali formalità ma kinitx meħtieġa, in kwantu jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-konvenut attwalment xtara *'body'* ta' karrozza li ma tistax tiġi kkwalifikata bħala *"motor car"* fis-sens tal-liġi, in kwantu ma kellhiex il-forza mekkanika awtonoma

li tirrekjedi l-liġi;

Hi ġusta għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut illi "l-istat tal-vettura kien tali li ma setgħetx tissejjaħ *"motor car"* fis-sens tal-liġi". It-teżi tal-konvenut, issib ukoll sostenn fil-fatt illi n-*number plates* antiki ma ġewx irritornati lill-Awtorità Kompetenti u ma kienx hemm fil-fatt ordni li tali *"number plates"* jiġu rritornati. Imma biss li jiġu mibdula f'każ illi l-karrozza tkun trid tiġi liċenzjata għat-triq bin-*"number plates"* il-ġodda. Il-fatt li dawn qatt ma ġew irritornati għal dan l-iskop, hi prova ulterjuri, jekk kien hemm bżonnha, illi l-vettur damet għal snin twal *"off the road"*;

Fid-dawl tal-premess mhux il-każ illi tiġi kkunsidrata u deċiża l-kontro-talba tal-konvenut;

Il-ħames eċċezzjoni tal-konvenut għalhekk ser tiġi akkolta;

In vista ta' dan il-Qorti hi tal-fehma li m'hux il-każ li tiddilunga ulterjorment fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut. Tinnota biss illi:

a. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni ma treġix, in kwantu l-Qorti ma hijiex tissindika b'din is-sentenza l-validità tal-ftehim bejn l-attur u l-ewwel akkwirent tal-vettura. Eżaminat u ddeċidiet biss dwar il-validità tat-titolu li bih il-konvenut akkwista l-proprjetà tal-"vettura" u qiegħed jiddetjeniha;

b. Dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni, jingħad li m'hux korrett il-konvenut li jekwivali n-nullità ta' l-att minħabba difett ta' forma ma' l-illegalità tiegħu jew ma' l-illiċejità tan-negozju.

Is-sanzjoni tad-difett fil-forma fil-każ in eżami hi n-nullità tan-negozju li twassal għall-ineżistenza tiegħu. Dak li għal-liġi jitqies bħala li qatt ma kien u qatt ma eżista, ma jistax jiġi meqjus bħala illegali jew illeċitu. Il-prinċipji kkwotati fl-eċċezzjonijiet mill-konvenut f'dawn ir-rigward, allura ma jirriżultawx applikabbli għall-każ;

ċ. Fir-rigward tal-"*buona fede*" avvanzata mill-konvenut fir-raba' eċċezzjoni tiegħu, l-ipotesi – li ma rriżultawx ippruvata – li l-vettura trasferita kienet "*motor car*" – dan l-aspett ġie ttrattat aktar 'il fuq u ġie sottolinejat li l-ġurisprudenza ma tammettix il-*buona fede* f'każi simili;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi:

a. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kontro-talba;

b. Tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha għar-raġunijiet kif fuq spjegat fil-korp tas-sentenza;

ċ. Tiċħad it-talbiet ta' l-attur;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur, barra dawk relattivi għall-eċċezzjonijiet kollha barra l-ħames waħda u tal-kontro-talba li jiġu sopportati mill-konvenut. Jibqa' riservat favur l-attur kull dritt ta' azzjoni kompetenti lilu kontra l-ewwel kompratur, Anthony Saliba, għall-ħlas ta' kull bilanċ lilu dovut fuq il-prezz tal-vettura.